MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru 92/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**Versus**

**Ronald Muscat**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Ronald Muscat ta' 47 sena bin il-mejjet Edward u Ludgarda nee Bartolo,imwieled il-Belt Valletta nhar id-9 ta' Dicembru 1956 u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 803556(M) u joqghod 103 Sam Court Flat 4 Saint Paul's Street Saint Paul's Bay (u qabel kien joqghod fil-fond Sirens Court, Falt 1, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar).

Akku\at talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Dicembru 2004 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu, fil-Qawra volontarjament hassar, ghamel hsara jew / u gharraq

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura tat-tip HYuandai Accent bin-numru ta-registrazzjoni ABH032 liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-process inluza l-fedina penali tal-imputat, ic-certifikat tat-twelid tal-imputat li jgib in-numru 8035 tal-1956, l-kunsens tal-imputat u tal-Avukat Generali sabiex dawn  il-proceduri jkunu sommarji, s-sett ritratt esibiti minn PS Jack Farrugia, d-dokument EB u t-traduzzjonijiet mill-Ingliz ghall-Malti li ghamlet Ms Oriana Deguara wara digriet tal-Qorti (fol.39).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Ikkonsidrat

Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fil-lejl ta' bejn it-3 u l4 ta' Dicembru 2004, il-Pulizija kellha rapport li kien instab bricks fuq il-wiondscreen tal-karozza ABH 032 li kienet ipparkjata fi Triq l-Isturjun il-Qawra.  Is-sid tal-karozza kien Eugene Bocinanu ta' nazzjonalita' Russa.   Il-Pulizija kellmet lil mart Bocinanu li qalet li kienet semghet hoss umeta harget barra lemhet lil Ronald Muccat jitlaq minn fuq il-post. Din qalet li gieli kellhom xi tilwim ma' dan Roanld Muscat.  Il-hsara  kienet tammonta ghla Lm147. L-imputat kien qal li kien qieghed ghand huh waqt li xi Pulizija qalu lill-Ispettur li kien raw lill-imputat f'San Pawl il-Bahar.

L-Istqarrija tal-Imputat (26 ta' Dicembru 2004)

L-imputat qal li lil  Evgueni Bidichtianou kien jafu ghaliex l-imputat kellu tfajla li kienet tahdem fi skola li kien imexxi dan Bidichtianou bhala direttur. Huwa nnega li qatt kellu xi jghid ma' dan ir-Russu.  Huwa ma kienx jaf fejn kien joqghod ir-Russu u ma kienx jaf x'karozza ghandu Bidichtianou. Huwa nnega li qatt kien ra lill-kopja Russa tuza Hyundai blu. Fil-lejl ta' bejn it-3 u l4 ta' Dicembru l-imputat kien mar ghand huh li joqghod fil-Main Road ta' San Pawl il-Bahar. Huwa kien mar id-dar tieghu u raqad

ghal xi n-nofs siegha ta' filghodu. L-imputat qal li jista' jkun li kien mar jixtri l-hobz minn ghand Giormina. Huwa nega li tefa xi gebla fuq il-windscreen. L-imputat qal ukoll li ma kienx fit-triq tad-Direttur dak in-nhar u ma waddabx gebel. Fl-ahharnett huwa qal li lir-Russu m'ghandu xi jpattilu xejn.

PS 94 Jack Farrugia gibed sett ritratti tal-hsara. Fol 15).

Brian Farrugia, ghan-nom tad-direttur tal-licenzji, ikkonferma li l-vettura ABH - 032 tal-marka Hyuandai Accent vjola kienet tghajjat lil Mrs Ala Sergeyeva li toqghod 20 Triq l-Isturjun Qawra. Kienet ilha hekk registrata sa mis-26 ta' Frar 1999. (Ara wkoll ix-xhieda ta' Brian Farrugia ghan-nom tad-Direttur tat-Traffiku a fol 23).

Xehed Evgeni Bodishtinu li qal li l-karozza ABH 032 kienet tieghu izda kienet registrata fuq il-mara tieghu li kienet ir-Russja. Huwa qal li meta qam, nhar l-4 ta' Dicembru, 2004 huwa sab gebla kbira fuq il-windscreen li kien tfarrak kompletament. Huwa ma kienx jaf min kien ghamel din il-hsara. Jumejn qabel l-incident l-imputa kien mar fl-iskola xurban u kellhom izommuh u jirraportawh lill-Pulizija. Huwa pprezenta d-dokument EB li hija stima tal-hsara.

Xehdet Dr Bodishtianu (a fol 26) li qalet li dak in-nhar tal-incident g]all-habta tat-3.30 ta' filghodu hija kieent fuq il-computer. Meta harget barra ma kinux ghaddejin karozzi u kien ghaddej rafgel wahdu li lanqas biss kien qed jigri. Dak il-hin ma rat xejn ghalkemm kienet semghet hoss kbir qisu ta' spluzjoni. Il-karozza kienet mghottija b'palma. Il-persuna li rat meixja kienet l-istess wahda li kien mar l-iskola u qala' l-inkwiet.

Difiza

Xehed l-imputat u innega li kien ghamel xi hsara lill-karozza ABH – 032. Huwa kompla jinnega li ghamel it-tali hsara matul il-kontro-ezami.[1]

[1] Ix-xhieda tal-imputat ma kenitx irrekordjata minhabba li l-buttuna ma kenitx maghfusa. Meta deher l-imputat quddiem il-Qorti fil-25 ta' Frar 2009 il-Qorti spjegatlu x'kien gara.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Bhala prova l-Pulizija pprezentaw xhud whada li qalet li fil-hin meta semghet hoss qawwi kienet ghadha mqajma. Dak il-hin ma ndunatx li l-karozza taghha kienet garrbet hsara ghaliex kien hemm palma tghattija izda rat lill-imputat miexi (u mhux jigri) fil-mument meta kienet semghet il-hoss.

L-imputat innega kemm fl-istqarrija kif ukoll meta xehed.

Fil-fehma tal-Qorti, ghad li wiehed jista' jkollu suspetti kbar li kien l-imputat li ghamel il-]sra ghaliex fil-hin li saret tali hsara huwa kien ghaddej mill-inhawi, kif ukoll ghaliex ftit qabel kellu xi jghid mal-istess nies, madanakollu s-suspett mhux prova. Ix-xhud am ratx lill-imputat jigri izda miexi. Ma ratux iwaddab il-gebla u ma kenitx f'pozizzjoni tghid jekk sakemm harget fit-tieqa kienx ghadda xi hadd iehor qabel. Din l-evidenza cirkustanzjali riedet xi haga ohra xi jsahhahha. Ghalhekk, kbir kemm hu kbir is-suspett, il-Qorti ma thossx li l-Prosekuzzjoni ppruvat li l-imputat wettaq il-hsara 'l hemm minn kull dubju ragonevoli.

Ghaldaqstant, wara li rat l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9, qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

---

Qaltlu wkoll li l-Qorti kienet tiftakar b'mod l-aktar car dak li hu kien qal meta ghazel li jiddeponi.